MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tas-7 ta' Lulju, 2003

Appell Civili Numru. 754/2000/1

**Louis Pace u b'digriet tal-21 ta' Marzu 2003 stante l-mewt ta' l-attur fil-mori tal-kawza il-gudizzju gie trasfuz f'isem ohtu Paola Pace**

**vs**

**Alfred Theuma**

**Il-Qorti,**

Fid-9 ta' Lulju, 2002 il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti;

Rat l-avviz fuq indikat datat is-6 ta’ Gunju tas-sena 2000 li permezz tieghu l-attur sejjah lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m’ghandux ikun ikkundannat:

1. Jizgombra u jivvaka l-art limiti tal-Qrendi maghrufa bhala “Ta Zelliqat”, l-Qrendi, tal-kejl ta’ cirka tnax-il tomna u cioe’ tnax-il u tlett mitt metru kwadru (12,300 m2) li tmiss minn Nofsinhar ma’ proprjeta’ tal-familja Magro, mill-Lvant ma’ proprjeta’ ta’ Peter Spiteri jew l-aventi causa tieghu u mit-Tramuntana u mill-Majjistral ma’ proprjeta’ ta’ Luigi Abdilla jew l-aventi causa tieghu wara li okkorendo jigi dikjarat illi giet terminata kwalsiasi kirja ta’ zewg imnasab illi hu kellu fuq prozjoni zghira ta’ l-imsemmija art wara il-kogedo lilu mghoti u li ghalhekk hu qed jokkupa l-art kollha fuq imsemmija minghajr ebda titolu validu fil-ligi;

2. Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Protest Gudizzjarju pprezentat fit-22 ta’ Settembru, 1999 u dak tad-19 ta’ Mejju, 2000 kontra l-konvenut li jibqa’ ngunt ghas-subizzjoni u bir-rizerva ghall-azzjoni ulterjuri ghad-danni li sofra u li qed isofri l-attur;

3. Ghall-fini ta’ kompetenza jigi dikjarat illi l-valur lokatizzju tal-art fuq imsemmija ma jeccedix l-elf Liri Maltin (LM1000) fis-sena;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet datat t-8 ta’ Novembru tas-sena 2000 li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:

1. Illi din il-Qorti m’hiex kompetenti tiddecidi l-azzjoni odjerna ghaliex l-art in kwistjoni tinkludi raba’ mahdum mill-eccipjent li ghalhekk hu wkoll protett mill-Att ta’ Kiri tar-Raba tal-1967;

2. Illi subordintament din il-Onorabbli Qorti lanqas ma hi kometenti tiddecidi dwar it-terminazzjoni tal-kirja a tenu tal-Kodici tal-Procedura Civili liema kompetenza tispetta lill-Prim Awla tal-Qorti Civili;

3. Illi fil-meritu l-eccipjent ghandhu titolu ta’ lokazzjoni kif jikkonferma l-istess avviz promotur;

4. Salv eccezzjonijiet ohra;

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet ta’ l-attur datata t-8 ta’ Marzu tas-sena 2001;

Rat in-nota ta’ osservazzjonijiet tal-konvenut datata l-4 t’April tas-sena 2001;

Rat id-digriet taghha datat it-13 ta’ Novembru tas-sena 2001 li permezz tieghu din il-qorti innominat lil Joseph Gaffiero bhala espert kalligrafu beix jirrelata “Alfred Theuma” kif indikat fit-talba ta’ l-attur ghall-hatra ta’ dan l-espert hix tal-konvenut;

Rat ir-relazzjoni ta’ l-espert kalligrafu datata t-8 ta’ Frar tas-sena 2002;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkonsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi l-attur huwa l-proprjetarju ta’ l-art mgharufa bhala “Ta’ Zelliqat”, il-Qrendi imsemmija fl-avviz odjern;

2. Illi permezz ta’ skrittura privata datata s-16 t’Awissu ta’ l-1978 l-attur ta’ bi qbiela lill-konvenut zewgt imnasab sitwati kif intqal fl-avviz odjern liema mnasab il-konvenut seta’ juzhom kif jidhirlu;

Ikkonsidrat:

Illi jirrizulta assodat mill-istess skrittura privata li l-oggett ta’ l-istess skrittura kien unikament iz-zewgt t’imnasab hemm riferiti u xejn iktar;

Illi jekk ghall-grazzja tal-argument il-konvenut uza xi raba’ iehor adjacenti dan ma jirrizultax li kien pattwit bejn il-partijiet fl-iskrittura fuq riferita u jirrizulta li kien biss misappropriazzjoni da parti tieghu ta’ art li qatt ma apparteniet lilu;

Ghaldaqstant, filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut, tilqa’ t-talbiet attrici u tordna lill-konvenut jizgombra mill-art limiti tal-Qrendi mgharufa bhala “Ta’ Zelliqat” kif deskritta fl-avviz odjern fi zmien xahar millum, bl-ispejjez.”

Appella minn din is-sentenza l-konvenut bl-aggravji kemm procedurali kif ukoll fil-meritu posti f’dawn it-termini:-

i. L-oggett tal-kirja kien l-imnasab u mhux tal-art kollha madwar l-imnasab li taghha l-attur qed jitlob l-izgumbrament tieghu minnha.
ii. L-iskrittura tal-kirja ghandha valur legali pjuttost limitat.
iii. Hu ilu bosta zmien jikkoltiva r-raba madwar l-imnasab u l-attur qatt ma oggezzjona ghal dan. Ergo, hu gie li tacitamnet approva dan l-uzu u allura l-art ghandha titqies fil-maggor parti taghha li saret agrikola.
iv. L-ewwel Qorti ma kkonsidratx iz-zewg eccezzjonijiet legali u allura ghandek sitwazzjoni ta’ ‘ab omissio decisione’.
v. Jirrizulta wkoll nuqqas ta’ motivazzjoni fil-meritu billi fis-sentenza ma nghatat l-ebda raguni ghaliex il-Qorti waslet biex laqghet it-talba. Tali nuqqas imur kontra d-dettami tal-Artikoli 218 u 219 tal-Kap 12.

Huwa kemm fl-ordni logiku kif ukoll dak guridiku illi l-ewwel materja li dina l-Qorti jenhtiegilha tinvesti jirrigwarda l-kwestjoni tan-nullita` eccepita fuq il-motiv li s-sentenza appellata ma hijiex konformi mad-disposizzjonijiet ta’ l-Artikoli 218 u 219 tal-Kodici ta’ Organizazzjoni u Procedura Civili.

Il-precitati artikoli jiddisponu illi “fis-sentenza ghandhom qabel xejn jinghataw ir-ragunijiet li fuqhom il-qorti tkun ibbazat id-decizjoni taghha, u ghandu jkun hemm fiha wkoll riferenza ghall-procedimenti, ghat-talbiet ta’ l-attur u ghall-eccezzjonijiet tal-konvenut” (Art 218). Inoltre, “kull dikjarazzjoni li l-qorti trid li tkun deciziva jew obbligatorja, ghandha tigi mdahhla fid-dispositțiv” (Art 219).

Issa kif elokwentement akkolt fis-sentenza fl-ismijiet “**Filippo e Carolina Farrugia Guy -vs- Sac. Angelo Farrugia**”, Appell Civili, 12 ta’ Novembru 1969 (**Vol XXIV pI p157**), “*per riconoscere il vero portata di una sentenza occorre indagare quale fosse stata la questione sulla quale il giudice fu chiamato a pronunciarsi e la discussione che precedette il suo giudizio ed esaminare il dispositivo che precedette il suo giudizio ed esaminare il dispositivo nel suo complesso, raffrontandolo e mettendolo in armonia colla motivazione, la quale e` anche essa parte della sentenza, sebbene dalla stessa non ne sorga il giudicato, e quando la parte dispositiva di una sentenza fosse concepita in termini generici, il suo significato puo` essere ristretto dalle considerazioni che la motivarono*.”

Konsiderata minn din l-ottika, ghalkemm mill-punto di vista purament tal-meritu, s-sentenza ta’ l-ewwel Qorti issodisfat il-vot tal-precitati artikoli tal-ligi. Il-parti operattiva tas-sentenza li permezz taghha laqghet it-talbiet attrici hi definita u spjegata mill-konsiderandi illi l-iskrittura lokatizja kienet tirreferi unikament ghall-kirja ta’ zewgt imnasab.

Huwa veru li l-motivazzjoni ossija l-parti razzjonali tas-sentenza setghet kienet aktar approfondita. Ciononostante, “*l-gudikat ma johrogx mill-motivazzjoni izda mid-dispozittiv. Dak li hu antecedenti jew konsegwenza necessarju tad-dispozittiv, u li hu tabilfors deducibbli minnu, jista’ jitqies involut fih u parti minnu, jekk ikun ovvjament u necessarjament deducibbli*.” (**Vol XLII pI p287**).

Issa huwa minnu illi l-ewwel Qorti naqset milli tikkonsidra b'mod specifiku l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-konvenut appellanti li ssolleva l-inkompetenza 'ratione materiae'. Izda, imbaghad, l-appellant jabbina dan in-nuqqas ghall-"omissa decisione".

Tali argoment huwa ghal kollox guridikament inkoncepibbli billi l-'ab omissa decisione' hi korrelata biss mas-sitwazzjoni fejn il-qorti ta' l-ewwel grad thalli barra mid-decizjoni wahda mit-<u>talbiet</u> proposti. Dan hu bil-wisq evidenti minn dak propagat fl-Artikolu 235 tal-Kap 12. U ghalhekk "*mhiex applikabbli meta t-tribunal jommetti li jiddeciedi b'kap separat l-eccezzjoni ta' "non bis in idem" ghax dik hija eccezzjoni, u mhux talba*" (**Vol XXXVIII pI p80**).

Invece, dak li messu irrefera ghalih l-appellanti, referibilment ghall-ewwel zewg eccezzjonijiet tieghu, huwa d-dispost ta' l-Artikolu 730 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili, li dina l-Qorti issa, kif doveruz fuqha, qed tissolleva 'ex officio'.

Dan l-artikolu jipprovdi illi "l-eccezzjoni ta' inkompetenza jew ta' illegittimita` ta' persuna, u l-eccezzjonijiet ta' transazzjoni, arbitragg, res judicata, preskrizzjoni jew nullita` ta' atti, ghandhom jigu decizi b'kapi ghalihom, qabel, jew flimkien mas-senteza fuq il-meritu".

Fil-kaz in ezami dan ma jidherx li sar fil-kaz tal-eccezzjonijiet accennati nonostante li l-attur ittratta 'in extenso' dwarhom permezz ta' nota ta' sottomissjonijiet (fol 13) fil-bidunett tal-proceduri. Tali nuqqas tad-decizjoni taghhom tikkostitwixxi nullita`. Dan, ghaliex, kif drabi ohra ritenut "*l-eccezzjoni ta' l-inkompetenza tal-Qorti ghandha tigi deciza b'kap separat qabel jew flimkien mas-sentenza fuq il-meritu; u l-inosservanza ta' dan il-precett procedurali jgib in-nullita` tas-sentenza*" – "**Anthony Mangion –vs- Giovanni Farrugia noe**", Appell, Sede Inferjuri, 3 ta' Dicembu 1955 riportata a **Vol XXXIX pI p502**.

Kif gie spjegat mill-Qorti ta' l-Appell, kolleggjalment komposta, fil-kawza "**Nicola Cassar noe et –vs- Carmelo**

**Cachia**", 12 ta' Dicembru 1931, a **Vol XXVII pI p663**, "*la legge non dichiare espressamente la nullita` di tutta una sentenza che si fosse pronunciata sul merito omettendo di decidere per capi separati le eccezzioni contemplate dell'articolo 737* (illum 730) *delle Leggi di Organizazzione e Procedura Civile, ma giusta la disposizione dell'articolo 799* (illum 789) *della stessa legge l'eccezione di nullita` degli atti giudiziari e` pure ammessa se l'atto contenga una violazione della forma stabilita dalla legge, anche senza prova di nullita`, colla differenza che in tal caso si richiede che la violazione abbia cagionato alla parte che oppone la nullita` un pregiudizio il quale non possa altrimenti ripararsi che annullando l'atto*".

In-nullita` lanqas ma hi salvabbli b'dak dispost fl-Artikolu 790 tal-Kap 12 billi eccezzjoni bazata fuq in-nuqqas ta' gurisdizzjoni hi eskluza mill-portata ta' dan id-dispost ghal dak illi jinghad fih, jigifieri li l-eccezzjoni tan-nullita` tas-sentenza appellata ma ghandiex tintlaqa' jekk is-sentenza tkun gusta fis-sustanza taghha. Il-qaghda kienet tkun differenti kieku si trattava, ad exemplum ta' eccezzjoni ta' preskrizzjoni li ma tkunx giet deciza, kif gja kellha okkazjoni din l-istess Qorti tikkummenta fid-decizjoni taghha tal-20 ta' Jannar 2003 fil-kawza "**Joseph Camilleri –vs- Emanuel Calleja**".

Dan l-artikolu, flimkien ma' dak ta' qablu (Art 789) huwa annoverat taht it-Titolu "Fuq l-Eccezzjoni ta' nullita` ta' atti gudizzjarji". U kif imfisser fis-sentenza fl-ismijiet "**Rosina Bonnici –vs- Paolo M. Laferla noe**", Appell Civili, 24 ta' Marzu 1930 u **Vol XXVII pI p465**: "*Ne tampoco e` esatto l'opporre che nella frase "atti giudiziarii" adoperata nell'articolo 798 su ricordato non deve comprendersi la sentenza perche, a prescindere delle considerazioni gia rilevate, gli articoli 799 e 800* (Art 789 u 790 tal-Kap 12) *dalle citate leggi sotto la rubrica "delle eccezioni di nullita` degli atti giudiziarii" contemplano altresi i decreti e la sentenza dei tribunali*".

In bazi ghall-konsiderazzjonijiet fuq maghmula u ghall-motivi dedotti din il-Qorti qed tannulla s-sentenza appellata billi l-Qorti ta' l-ewwel grad naqset li tokkupa

ruhha b'mod specifiku u b'kapi ghalihom mill-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-konvenut kif hekk stabbilit mill-Artikolu 730 tal-Kap 12. Konsegwentement tirrinvija l-atti tal-kawza lill-ewwel Qorti biex hemm jigu trattati u nvestiti l-istess eccezzjonijiet u l-kawza titkompla skond il-ligi.

In vista tal-fatt li n-nullita` de quo giet sollevata mill-Qorti 'ex officio' l-ispejjez tal-appell jigu sopportati mill-konvenut appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------